

# Il-Konti Salvu Mattei

## *Benefattur tal-Istatwa ta' San Ġiljan*

***Prof. Horatio Caesar Roger Vella***

L-istatwa ta' San Ġiljan ġewwa l-Parroċċa ta' San Ġiljan saret minn Karlu Darmanin, il-bużbużnannu tal-mara tiegħi, Vivienne née Caruana u tħallset minn Salvu Mattei.[1] Il-kuntratt, li kien jorbot lil Mattei biex iħallas lil Darmanin tal-istatwa wara li tkun lesta u ċċertifikata minn perit, sar għand in-Nutar Mikiel Alwiġi Casolani fid-19 ta' Ottubru, 1892, u deher ippubblikat f'paġna 298 tal-pubblikazzjoni 'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991'. Bil-Malti, dan il-kuntratt jgħid hekk:

"Id-19 ta' Ottubru, 1892.

Quddiemi, Nutar, preżenti x-xhieda miktuba isfel, idonei skont il-liġi, u ma jigux u lanqas huma qraba ta' dawk li qed jidhru quddiemi fil-gradi kkontemplati mil-liġi, huma preżenti personalment il-Wisq Reverendu Saċerdot Duttur Dun Ġużepp Scerri, bin il-mibki Sinjur Kostantinu, imwieled f'Birkirkara, Kappillan ta' San Ġiljan, fejn joqgħod, il-Benestant Sinjur Salvu Mattei, bin il-mibki Sinjur Karlu, imwieled u joqgħod fil-Belt Valletta, u l-Mastru Skultur Sinjur Karlu Darmanin, bin il-mibki Ġużeppi, imwieled f'Senglea u joqgħod fi Triq San Ġużepp, il-Hamrun, liema (persuni) jiddikkjaraw li wara li l-ġa msemmi Sinjur (Salvu) Mattei għamel l-offerta lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan tas-somma neċessarja biex jakkwista għall-istess knisja statwa tal-qaddis titular (San Ġiljan), liema offerta hija mġedda f'dan l-att, l-istess Kappillan Scerri, f'din il-pożizzjoni tiegħu u għan-nom tal-Knisja rrappreżentata minnu, aċċetta kif ukoll jaċċetta din l-offerta. Li wara l-istess Sinjuri Kappillan Scerri u Salvu Mattei bi qbil komuni ddeċidew li l-istatwa ġa msemmija għandha ssir b'xogħol is-Sinjur Karlu Darmanin, l-ieħor li qed jidher (quddiemna), li aċċetta l-inkarigu li jagħmilha skont il-mudell ġa ppreparat għas-somma ta' sitta u għoxrin Sterlini, li l-ġa msemmi Sinjur Mattei obbliga lilu nnifsu li jħallsu mal-konsenja tal-istatwa skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin.

L-ewwel. Li fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, u speċjalment għal dak li



jirrigwarda l-poża, il-proporzjonijiet u l-kuluri, il-ġa msemmi Sur Darmanin għandu joqgħod għad-direzzjoni tal-perit li għandu jiġi nnominat bi qbil komuni tal-ġa msemmija Sinjuri Kappillan Scerri u Salvu Mattei.

It-tieni. Li l-kuluri għandhom ikunu mill-iktar fini u li l-induratura għandha tkun hekk pura, li għandha tkun esegwita mill-persuna li għandha tiġi nnominata mill-ġa msemmija Sinjuri Kappillan Scerri u Salvu Mattei a spejjeż tabilħaqq tal-istess Sinjur Mattei.

It-tielet. Li l-istatwa, mir-ras għas-saqajn, għandha tkun ta' għoli ta' sitt piedi.

Ir-raba'. Li s-sitta u għoxrin Liri ġa indikati għad ikunu mħallsa mis-Sinjur Mattei lis-Sinjur Darmanin bil-patt li l-istatwa tkun waslet fi tmiemha u mgħoddija lill-Kappillan Duttur Scerri mhux iktar tard mill-ewwel ta' Awwissu tas-sena li ġejja, 1893, flimkien maċ-ċertifikat tal-perit li għandu jiġi nnominat kif intqal iktar 'il fuq, li kollox ikun sar b'sodisfazzjon sħiħ.



Carlo Darmanin mal-buzzett ta' San Ġiljan. Impressjoni artistika ta' David Borg għall-waħda mill-bandalori li jintramaw quddiem il-knisja fil-ġranet tal-festa.

Għarraft lil (dawn) preżenti dwar l-importanza ta' kull parti ta' dan l-att.

Magħmul u ppubblikat f'Malta fid-dar tal-villeġġjatura tas-Sinjur Mattei li tinsab f'San Ġiljan fi Triq ir-Rjali numru sitta u tletin, fil-preżenza tal-kummerċjant Wistin Zerafa, bin Ġużeppi, imwieled f'Birkirkara u joqgħod f'San Ġiljan, u tas-Surġent tal-Pulizija Eżekuttiva, Ġużeppi Monreal, bin Karlu, imwieled fiż-Żurrieq u joqgħod f'San Ġiljan, xhieda li, flimkien miegħi, Nutar, u ma' dawn li qed jidhru flimkien, jiddikkjaraw li mhux qed jitolbu ipoteki għal dak li jirrigwarda dan il-qbil, (li) huma ffirmati (kif ġej).

Ġużeppi Scerri, Kappillan

Karlu Darmanin

Salvu Mattei

Ġużeppi Monreal, Supretendent tal-Pulizija, xhud

Wistin Zerafa, xhud

Mikiel Alwiġ Casolani, Nutar Pubbliku ta' Malta."

Minn dan il-kuntratt nafu li Salvu Mattei kien benestant, u li f'San Ġiljan kien joqgħod f'numru 36, Triq Irjali, li wara saret Triq il-Kbira (Main Street). Dan li ġej huwa tagħrif ġenealoġiku fuq il-familja ta' Salvu Mattei u martu, Karmela née Metropoli.

Il-Konti Salvu Mattei, bin Karlu u Tekla Scifo, iżżewweġ lil Karmela Metropoli fl-1856. Huwa kien bin u missier razza tal-Kontijiet u Duki, u miet tliet snin biss wara li sar dan il-kuntratt, jiġifieri, fl-1895. Uliedhom kienu Ferdinandu, Duka ta' Mondello, u Ġwanni Battista, li fl-1901 iżżewweġ lil Adelajda Borg Olivier dei Principi di Mistra. Ħu Salvu Mattei kien Ġwanni Battista, li fl-1860 iżżewweġ lil Marija Micallef. Bint in-neputija ta' dan Ġwanni Battista Mattei, Alessandra, li twieldet fl-1922 u mietet fl-2009, iżżewġet, fl-1943, lill-Avukat Dottor George Borg Olivier, li wara sar Prim Ministru ta' Malta.

Missier Salvu Mattei, Karlu, bin Franġisku u Fortunata Cachia, iżżewweġ lil Tekla Scifo, bint Salvu u Anna Bernard, fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta fis-17 ta' Lulju tal-1821, u miet fl-1825. Missieru, Franġisku Mattei, bin Antonju u Tereża Cini, iżżewweġ lil Fortunata Cachia, bint Mikiel Anġlu u Marija Cotonett, f'Senglea fil-25 ta' Novembru tal-1794, u miet fl-1854, waqt li missieru, Antonju Mattei, bin Alwiġi u n-Nobbli Marija Abela, iżżewweġ lil Tereża Cini, bint Mikiel Anġlu u Marija f'Senglea fis-7 ta' Ġunju tal-1760. Ħut Antonju Mattei kienu Karlu, li żżewweġ lil Filippa Scarloni *sive* Scarphoni f'Senglea fid-29 ta' Novembru tal-1751, u Marċella, li żżewġet lil Saver Depares f'Senglea fl-1757. L-aħħar imsemmi Karlu Mattei kien missier l-Arċisqof ta' Malta u ta' Rodi, Mons. Ferdinandu Mattei, li twieled fl-1761, irriżenja fl-1807, u miet fl-1829. Dan ifisser li l-Arċisqof kien prim kuġin tan-nannu ta' Salvu Mattei. Alwiġi Mattei, bin il-Kaptan Francesco Mattei u






*L-arma tal-familja Mattei fuq wara tal-pedestall l-oriġinali tal-istatwa ta' San Ġiljan, flimkien ma' skrizzjoni li tgħid li l-vara ġiet irregalata minn Salvatore Mattei fis-sena 1893.*

l-Kontessa Evanġelista Cornelio, twieled fl-1683, iżżewweġ lin-Nobbli Marija Abela, bint Antonju u Veronika, f'Senglea fid-29 ta' Jannar tal-1719 u miet fl-1764. Missieru, il-Kaptan Franġisku Mattei, ġie minn Korsika, u żżewweġ lill-Kontessa Evanġelista Cornelio, bint Onoratu u Iżabella Grima, f'Senglea fis-16 ta' Frar tal-1681. Il-linja tal-Kontijiet tal-familja Mattei tibda minn din il-Kontessa Cornelio u tmur lura saż-żmien Biżantin.

Il-mara ta' Salvu Mattei, Karmela, kienet bint Ġużeppi Metropoli u Ġovanna Calleja li żżewġu fil-Belt Valletta fl-1831. Hutha kienu Grazzja Metropoli li żżewġet lill-Konti Leandru dei Conti Preziosi fl-1858, u Marija Metropoli li żżewġet proprju lil Dottor Annetto A. Caruana fl-1861, li fl-1882 kiteb ir-*Report on the Phoenician and Roman Antiquities in the group of the islands of Malta*. Ġużeppi Metropoli kien bin Orazju, li żżewweġ lil Feliċita Triganza, bint Ġużeppi u Ġovanna, fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta fit-13 ta' Novembru, 1781, waqt li missier Orazju Metropoli, Georgos, bin Georgos u Tereża, ġie mill-Greċja u fil-25 ta' Jannar, 1729, iżżewweġ lil Ġakobina Cappari, bint Ġużeppi u Ġlorma, fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Minn dan ta' fuq wieħed jara li waqt li l-familja Mattei kienet minn Senglea, dik ta' Metropoli kienet mill-Belt Valletta. Il-konnessjoni li Salvu Mattei kellu ma' Senglea setgħet għinet biex isir jaf aħjar lil Karlu Darmanin.

Dan li ġej huwa rikostruzzjoni ta' dawn iż-żewġ familji, Mattei u Metropoli:



Ġw. Battista Mattei-Marija Micallef (1)

Vinċenz Mattei-Karmela Fenech

Alfredu Mattei-Konstantina Mattei

**Dott. G. Borg Olivier**-Alessandra Mattei Edward Micallef Eynaud-Veronica Mattei

Alexander Aloisio-Carol Micallef Eynaud

Chantelle Aloisio

Saver Depares-Marċella Mattei (2)

Ġużeppi Depares-Tereża Zammit

Antonju Depares-**Nobbli Benedetta Caruana Orsini** Dun Franġisku Depares

-Margerita Pisani de Fournier de Pausier Sor Marċella Depares

Patri Antonju Depares Sor Marċella Depares Sor Fortunata Depares

Ġużeppi Depares-Grazzja Cutajar

**Salvu Zarb dei Baroni Inguanez**-Carmela Depares

Georgos Metropoli-Tereża Ġużeppi Cappari-Ġlorma

Georgos Metropoli-Ġakobina Cappari Ġużeppi Triganza-Ġovanna

Pietru Briffa-Marija Metropoli Orazju Metropoli-Feliċita Triganza Franġisku Calleja-Marija

Remiġju Critien-Rożalea Metropoli Ġużeppi Metropoli-Ġovanna Calleja Mikiel Metropoli

Leandru dei Preziosi-Grazzja Metropoli **Salvu Mattei-Karmela Metropoli** (3)

Dott. Annetto Caruana-Marija Metropoli

Enriku Critien-Ġovanna Zarb

Ġużeppi Critien-Karmela Azzopardi Ġovanni Critien-Karmela Ellul

**Dott. Attilju Critien M.P.**-Ethel Jewitt

Antonju Diacono-Erminja Critien Maġġur Frank Critien-May Grech

Anton Critien-Geraldine Storace Fra John Edward Critien

Godfrey Critien-Ann Micallef

## Referenzi

[1] Iktar fuq Karlu Darmanin, wieħed jista' jara H.C.R. Vella (1998), "Karlu Darmanin u Ħal Kirkop", *Għaqda Mużikali San Leonardu Festa 1998*, 77-80; H.C.R. Vella (2009), *Ġanni Darmanin u l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba* (Imqabba, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju), u H.C.R. Vella (2016), "Ġanni Darmanin u l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba", *Madonna tal-Ġilju, Imqabba*, 43-55.